**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum it-Tlieta, 15 ta' Lulju, 2025**

Numru 4

**Appell Nru. 3/2025**

**Catherine Desira, Nazzarenu sive Rene Desira u Liliana Bonnici**
**vs**

**L-Awtorita’ tal-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Catherine Desira u ohrajn tal-11 ta’ Marzu 2025 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-20 ta’ Frar 2025 fir-rigward ta’ petizzjoni maghmula wara avviz ta’ enforzar EC18/17 b’referenza ghal INV9898 (30.11.17), INV10333(23,6,18, INV10467 (17,11,18) u INV10977 (17.09.19) ghall-ammont ta’ €14,936;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud;

Rat l-atti kollha u dikjarazzjoni tad-difensuri li irrimettew ruhhom ghall-atti;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Din hija decizjoni fir-rigward ta' petizzjoni maghmula fir-rigward ta' INV 9898 (30.11.17) INV 10333 (23.06.18) INV10467 (17.11.18) u INV 10977 ( 17.09.19) ghallammont komlessiv ta' € 14,936. Dawn kienu rizultat tal Avviz EC 18/17

Fil-petizzjoni l-petizzjonant ghamel is-segwenti punti:
1. Illi ghandu jigi stabbilit kif EC 18/17 gie notifikat lill-petizzjonanti.
2. Illi l-multa tikser id-drittijiet fondamentali tal-petizzjonanti.
3. Illi l-fond kien mikri lil terzi, Michael Abela, u jekk kien hemm illegalitajiet dawn saru minn dan l-inkwilin. Huma gew notifikati bl-avviz 18/17 fil-kwalita' taghhom ta' sidien u huma ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-illegalitajiet allegati.

L-Awtorita' eccepiet illi dan it-Tribunal mhux il-forum ghal lanjanzi kostituzzjonali. Issottomettiet ulterjorment li l-petizzjonanti effetivament ma' qajmet ebda lanjanza li tinkwadra ruhha fir-regolamenti applikabbli.

Ikkunsidra:
Il-ligi n mertu li huwa wiehed specjali tiddikjara hekk:
5. The Environment and Planning Review Tribunal shall examine petitions received by it and shall only accede to a petition in part or in whole when there are impelling reasons for it to do so, such as:
(a) humanitarian reasons attenuating the circumstances relating to the commission of the scheduled offence; and
(b) when the issue of the charge or of the notice under article 86(14) of the Environment and Development Planning Act or the nature thereof is manifestly unjust and, or oppressive, and, or manifestly disproportionate considering the nature and facts of the case

Il-petizzjonanti qajmu punti diversi. Fl-ewwel lok ghal dik hija lanjanza ta' drittijiet kostituzzjonali dawn ghandhom jigu ventilati fil-forum appositu u dan it-Tribunal m'ghandux il-fakolta sabiex jezamina din il-lanjanza. Dwar it-talba ta' verifika ta' notifika tal-Avviz originali 18/17 dan kien punt legali li semmai kellu jitqajjem filmument tal-hrug u notifika originali tal-Avviz u mhux illum snin wara. Il-fatt li l-fond kien mikri lil terzi ma jwassal sabiex il-petizzjoni tista tigi b'xi mod milqugha. Semmai din hija kwistjoni ta' bejn il-petizzjonanti u l-inkwilin relattiv.

Dan il-punt, f'sitwazzjoni differenti izda fl-istess parametric legali giet deciz b'sentenza tal-Onor. Qorti tal-Appell fis-7 ta' Mejju, 2014 fl Appell Civili Numru. 57/2013 Francis Cachia Caruana vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar:
L-iskop wara enforcement order hu primarjament il-protezzjoni tas-sit u mhux lindividwu fl-interess tas-socjeta. Ghalhekk l-artikolu 52(1) ighid li l-Awtorita ghandha tinnotifika lis-sid u/jew l-okkupant kif hi jidhrilha l-aktar xieraq. In oltre t-Tribunal ma setghax jidhol fil-konsiderazzjonijet ta' pregudizzju finanzjarju li seta' jigi rinfaccat bih is-sid jekk jittiehed direct action mill-Awtorita billi l-artikolu 55A(4) jipprospetta tali ipotesi u jaghti d-dritt ta' risarciment tas-sid minn min ikun realment u fattwalment ikkommetta l-illegalita.

Huwa cara ghaldaqstant illi l-petizzjoni ma tistax tintlaqa.

Il-petizzjoni hija ghalhekk michuda.

## Ikkunsidrat

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. L-appellanti bhala sidien saru jafu bl-avviz tal-enforzar minghand terzi zmien wara li inhargu, u infurmaw lill-Awtorita li kienu qed jittiehdu proceduri kontra l-inkwilin li gie notifikat b'dawn l-avvizi. Kien biss fl-2024 li inhargu l-avvizi fuq l-appellanti. It-

Tribunal kien zbaljat meta qies li l-appellanti kellhom iressqu l-ilment taghhom mal-hrug u notifika originali tal-avviz;

2. It-Tribunal ma qiesx l-ilment taghhom li l-Awtorita ma ghandhiex setgha timponi multa fuq vjolazzjonijiet ta' natura kriminali. Jammettu li t-Tribunal mhux il-forum li quddiemu jitressqu ilmenti kostituzzjonali izda jsostnu li kwistjoni serja hekk ma kellhiex tigi injorata. It-Tribunal kellu jaghti l-opportunita lill-appellanti jressqu l-lanjanzi fil-forum appozitu;

3. Ghalkemm l-Awtorita ghandha diskrezzjoni lil min tinnotifika bl-avviz, kemm jekk is-sid jew l-okkupant, trid tuza din id-diskrezzjoni b'diligenza. L-artikolu 5 tal-L.S. 552.24 tghid li petizzjoni tigi milqugha fuq ragunijiet umanitarji jew l-avviz ikun manifestament ingust, oppressiv jew sproporzjonat meta tqis in-natura tal-kaz. F'dan il-kaz l-allegazzjoni ta' ksur sar mill-inkwilin, ittiehdu proceduri mis-sidien appellanti biex jiehdu lura l-fond u ma kellhom ebda konnessjoni mal-irregolaritajiet. Fil-fatt l-inkwilin gie zgumbrat b'sentenza tal-5 ta' Marzu 2021 u l-appellanti nehhew l-irregolaritajiet.

**It-tieni aggravju**

Dan l-aggravju mhux fejjiedi. Ma jirrizulta ebda impediment ghaliex l-appellanti ma setghux jressqu proceduri kostituzzjonali b'talbiet ghal mizura interim meta saru mgharfa bil-multi, aktar meta gew notifikati ufficjalment bihom. Dak li qed isostnu l-appellanti fl-ahhar mill-ahhar hu allegazzjoni li l-ligi hija lesiva ta' drittijiet fondamentali ghalkemm l-appellanti lanqas jispecifikaw x'inhuma l-ligijet lesivi u l-artikoli tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni li qed jigu invokati. Li l-appellanti jghidu li t-Tribunal messu tahom l-opportunita li jressqu tali kawza kostituzzjonali ma taghmilx sens.

L-aggravju hu michud.

**L-ewwel u t-tielet aggravji**

L-appellanti ghandhom ragun li t-Tribunal ma indirizzax sew l-aggravju taghhom u mhux bizzejjed li t-Tribunal ighid biss li l-verifika fuq l-avviz originali 18/14 messu sar dak iz-zmien meta inhareg bir-rimedju disponibbli f'dak iz-zmien. Jirrizulta li l-avviz gie notifikat lill-appellanti fl-2024. Il-ligi hi cara billi l-avviz jolqot lis-sit u l-persuni

responsabbli ghal ksur huma dawk li l-ligi stess tipprospetta. Ghalhekk il-fatt wahdu li l-avviz inhareg fl-2017 u gie notifikat lill-okkupant inkwilin, l-istess avviz gie notifikat ufficjalment lis-sidien fl-2024 ghalkemm ma jbiddel xejn mis-sahha legali tal-avviz izda jista' jkollu konsegwenzi ohra kif ser jinghad aktar l-isfel.

L-appellanti mhux jilmentaw mill-fatti li waslu ghal hrug tal-avviz tant li jghidu li hadu passi kontra l-inkwilin biex jizgumbrawh u nehhew l-illegalitajiet. Dak li qed isostnu hu illi hemm ragunijiet skont l-artikolu 5 tal-L.S. 552,24 biex jitqies li l-avviz tal-multa fil-konfront taghhom kien ingust, oppressiv u manifestament sproporzjonat.

Din il-Qorti tqis li l-multa ma kinitx ingusta ghax inharget skont il-ligi. Izda meta tqis li l-appellanti bhala sidien ex admissis ighidu saru jafu b'dawn il-multi fid-9 ta' Settembru 2019 izda ma inghatawx kopja tal-invoices tal-multi sakemm inhareg l-avviz fil-konfront taghhom fl-2024 kellu jkun prova li t-Tribunal kellu jixtarr sew biex iqis jekk fic-cirkostanzi l-impozizzjoni tal-multa fit-totalita taghha kinitx oppressiva jew sproporzjonata. Kellu jisma provi fuq il-fatti allegati mill-appellanti fir-rikors ta' dan l-appell u jiddeciedi fid-diskrezzjoni tieghu jekk il-provi jilhqux il-grad mehtieg ghall-applikazzjoni tal-artikolu 5 fuq imsemmi.

Ghalhekk ser jintlaqa l-appell fil-limiti kunsidrati billi ma jistax jintlaqa l-appell fis-shih kif mitlub mill-appellanti.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-appellanti fil-limiti kunsidrati u filwaqt li tirrrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-20 ta' Frar 2025, tibghat l-atti lura lit-Tribunal biex jikkonsidra biss jekk il-multa fic-cirkostanzi kollha li jistghu jingiebu quddiemu, hiex sproporzjonata jew oppressiva skont l-artikolu 5(b) tal-L.S. 552.24. Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur